MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tas-7 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 59/2003

**Raymond Caruana**

**Vs**

**Manuel Felice**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-attur talab il-hlas tas-somma ta’ elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300) bilanc minn ammont li l-konvenut obbliga ruhu li jhallas skond skrittura datata 31 ta’ Dicembru 2001 (fol. 2).

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas deher ghas-seduti.

Semgha lill-avukat Dr. S. Ghaznavi jixhed bil-gurament.

Ra d-dokumenti.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' elf u tlett mitt lira Maltija (Lm1,300), bl-imghax mid-data tan-notifika ta' l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------